Qorti tal-Magistrati (Malta)

Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.

Ir-Repubblika ta' Malta

[Av. Sean G. Azzopardi]

[Av. Danika M. Vella]

[Spettur Joseph Busuttil]

vs

-Omissis-

Kumpilazzjoni Numru: 279/2023

Illum, sittax (16) ta' Settembru, 2024

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba kontra **-Omissis-** detentur tal-karta tal-identità bin-numru -Omissis- akkuzat talli gewwa -Omissis- u/jew fi bnadi ohra f'dawn il-gzejjer, bejn Jannar u April tas-sena elfejn u tlieta u ghoxrin (2023) u s-snin ta' qabel, b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, liema atti jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u liema atti gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. **Wettaq att ta' natura sesswali minghajr kunsens, liema att fih innifsu, ma kienx jikostitwixxi wiehed mid-delitti ikkunsmat jew attentat, imsemmijin fl-artikoli 198 sa 206 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fuq il-persuna ta' -Omissis- imwielda nhar -Omissis- liema delitt sar minn axxendent; liema delitt sar fuq persuna li tkun minuri; liema delitt sar fuq dixxendenti; liema delitt sar fuq persuna li tkun qieghda tghix fl-istess dar bhall-hati jew li kienet tghix mal-hati qabel ma twettaq ir-reat; liema delitt, jew id-delitti relatati saru ripetutament, u liema**

delitti saru kontra persuna vulnerabbli stante li hija persuna ta' taht il-hmistax-il sena;

*Art. 18, 207, 202(b)(g)(h)(iii)(v)(j)(k), 208AC(2)(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;*

2. Fl-istess zmien, lok, u cirkostanzi, issoggetta lil -Omissis- imwielda nhar -Omissis- ghal xi att ta' intimità fizika, jew issoggettaha ghal xi att u, jew imgiba li jkollhom konnotazzjonijiet sesswali, inkluzi kliem bil-fomm, mossi u, jew ghemil, il-wiri jew ic-cirkolazzjoni ta' kliem miktuba, stampi, u, jew xi materjal iehor, fejn dak l-att, kliem u jew imgiba mhumiex mixtieqa mill-vittma, u jkunu jistghu ragjonevolment jigu kkunsidrati bhala offensivi, umiljanti, degredanti u, jew intimidatorji lejha, liema delitt sar fuq dixxendent, liema delitt sar fuq persuna li tkun qieghda tghix fl-istess dar bhall-hati jew li kienet tghix mal-hati qabel ma twettaq ir-reat, liema delitt twettaq minn membru tal-familja, persuna li tghix mal-vittma jew persuna li tkun abbuzat mill-awtorità taghha, u liema delitt, jew id-delitti relatati twettaq jew twettqu ripetutament u liema delitti saru kontra persuna

**vulnerabbli stante li hija persuna ta' taht il-hmistax-il sena;**

***Art. 18, 202(h)(iii)(v), 222(1), 251A(c)(e), 251H(a)(b)(c), 208AC(2)(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;***

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u kif ukoll tordna li s-sentenza tigi notifikata lir-Registratur hekk kif kontemplat fl-artikolu 6(2) tal-Kap. 518 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artiklu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, waqt il-mori tal-kawza, u f'kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurtà tal-vittmi msemmija kif ukoll ghal familjari taghhom, ma' kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa;

Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta' trattament ai termini tal-artikolu 412D tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori

tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa.

Rat l-ezami tal-imputat fil-prezentata fejn huwa wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat il-Fedina Penali tal-imputat;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata tnax (12) ta' Ottubru, 2023 fejn fiha elenka l-Artikoli tal-Ligi li bihom jitlob li tinstab htija u cioè:-

1. Fl-artikoli 18, 207, 202(b)(g)(h)(iii)(v)(j)(k), 208AC(2)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Fl-artikoli 18, 202(h)(iii)(v), 222(1), 251A(c)(e), 251H(a)(b)(c), 208AC(2)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Fl-artikoli 17, 31, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Fl-artikoli 383, 384, 385 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. Fl-artikoli 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
6. Fl-artikoli 6(2) tal-Kapitolu 518 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi wara li l-Artikoli gew moqrija l-imputat ma kellu l-ebda oggezzjoni li din il-Qorti tittratta u tiddeciedi dawn il-proceduri b'mod sommarju.

Rat l-Ordni ta' Protezzjoni a favur -Omissis- u l-vittma minuri -Omissis- datata hamsa u ghoxrin (25) ta' April 2023.

Rat id-Digriet taghha tal-erbgha (4) ta' Lulju tas-sena 2023 fejn gew sospizi l-effetti tal-Ordni ta' Protezzjoni a favur -Omissis- u -Omissis- datata hamsa u ghoxrin (25) ta' April 2023.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet fis-seduta datata 20 ta' Gunju 2024.

<u>**IKKUNSIDRAT**</u>

Illi xehed **<u>l-Ispettur Joseph Busuttil</u>** li jghid li fit-tnejn (2) ta' April tas-sena 2023 ircieva informazzjoni mid-Domestic Violence Unit li kien hemm certu -Omissis- li rrappurtat gewwa l-istess unit. Jghid li tali persuna rrappurtat li sfat vittma ta' vjolenza domestika. Jghid li l-istess -Omissis- spjegat li t-tifla taghha u cioè -Omissis- kienet giet abbuzata. Jghid li hu kellem lil -Omissis- fejn ittiehdet id-dikjarazzjoni awdjoviziva taghha filwaqt li avza lil ommha biex ma tkellimhiex. Ikompli jixhed li hi spjegatlu li kienet qieghda thossha mdejqa hafna stante li diversi drabi l-imputat (u cioè missierha) kien messha f'partijiet ta' gisimha li huma privati. Jghid li l-minuri qaltlu li fuq din il-kwistjoni kienet anke kellmet lis-School Councillor u cioè certu -Omissis-. Jghid li din -Omissis- kienet infurmatha li sejra tkellem lil xi hadd min-naha tal-Agenzija Appogg.

Ikompli jixhed li l-minuri spjegatlu li missierha kien jghaddi minn hdejha u jmissilha sidirha jew sahansitra l-warrani taghha filwaqt li anke jghaddi kumment sesswali. Jghid li dan l-agir kien isir fil-prezenza tal-omm u meta kienet tghidlu biex jieqaf hu kien jghid li dan kien qieghed isehh bhala forma ta' cajta. Izid jghid li hu kien baghat ghall-imputat fejn l-istess imputat inghata d-drittijiet tieghu (u fil-fatt l-istess imputat irrinunzja

ghall-jedd tal-assistenza legali). Jikkonferma l-istqarrija tal-imputat a fol. tmienja (8) tal-atti processwali. Jikkonferma u jipprezenta wkoll rapport li hejja hu (immarkat bhala Dok. JB2). Jixhed li l-minuri qaltlu wkoll li kienet gieli tahrab mid-dar kawza tal-agir tal-imputat. Jghid però li l-imputat spjega li l-minuri gieli harbet mid-dar stante li kien ghad kif miet -Omissis- u ghalhekk kienet ghaddejja minn zmien ta' certu stress. Jixhed li fl-istqarrija tieghu l-imputat ammetta li gieli kien messilha l-warrani tal-minuri u anke sidirha. Izid jixhed li dawn l-allegati reati sehhew fuq medda ta' sena u li l-imputat qatt ma mess lill-minuri taht il-hwejjeg.

Illi regghet semghet lill-<u>**Ispettur Joseph Busuttil**</u> li jghid li mar fir-residenza tal-imputat fejn ha sett ta' ritratti kif ukoll eleva l-mobile tal-minuri -Omissis- (ipprezentat u mmarkat bhala Dok. JB1) u dan sabiex jistabbilixxi jekk il-kamra li tidher fil-filmat esebit a fol. 85 tal-atti processwali hiex il-kamra tal-minuri. Jghid li huma u jsuqu lejn id-dar tal-vittma flimkien mal-istess vittma u ommha, il-minuri stqarret li l-kamra li tidher fil-video fil-fatt hija taghha.

Illi semghet lill-minuri **-Omissis-** li tghid li ghandha hdax (11)-il sena. Tghid ukoll li hi marret gewwa d-Depot tal-Pulizija u kienet spjegat lill-Ispettur li missierha u cioè l-imputat kien joqghod imissilha gisimha u l-warrani taghha. Tghid li kull darba li kien jaghmel hekk ommha kienet tghidlu biex jieqaf filwaqt li hu kien joffendiha. Tispjega li meta kienet tkun bilqieghda tali mod li naha tal-warrani tkun hierga 'il barra missierha kien jaqbad u jaghfas dik l-istess parti b'certu sahha. Tghid li minkejja li kienet tghidlu li qieghda tiddejjaq hu kien jibqa' sejjer. Tkompli tixhed li apparti l-warrani, missierha kien anke joqros sidirha tant li kien iweggaghha. Tghid ukoll li kien jaghmel hekk b'zewg (2) idejn. Izzid tghid li kemm-il darba kienet tghidlu biex jieqaf stante li kienet qieghda tiddejjaq.

Tixhed li dawn l-affarijiet l-iktar li kienu jigru kienu d-dar gewwa l-kamra taghha, f'ta' ommha, f'ta' missierha kif ukoll fil-kcina. Tghid ukoll li l-imputat kien qieghed jinduna li hu qieghed jaghmel il-hazin. Tixhed ukoll li n-nanna taghha (u cioè omm missierha) kienet tarah jaghmel l-allegati reati fir-residenza taghha. Tghid ukoll li nannitha kienet ukoll tghidlu biex jieqaf. Tkompli tixhed li fuq din il-kwistjoni ma tkellmet ma hadd hlief mal-Guidance Councillor certu -Omissis-. Tghid

li -Omissis- qaltilha biex toqghod attent u jekk l-imputat jibqa' jagixxi bl-istess mod ghandha tibqa' sejjer l-Ghassa u taghmel rapport fil-konfront tieghu.

Tghid li hi thobb tuza l-playstation kemm biex tilghab il-loghob kif ukoll biex tikkomunika mal-kugin taghha u mal-hbieb taghha. Tghid ukoll li tuza Snapchat fuq ic-cellulari taghha. Izzid tghid li thobb tiehu ritratti ta' karozzi kif ukoll ta' sigar u li qatt ma baghtet tali ritratt lil xi hadd ta' nazzjonalità Gharbija. Tixhed ukoll li hi ghandha gharus li skont hi ghandu tlettax (13)-il sena bl-isem ta' -Omissis-. Tghid li d-dokument immarkat MM2 huwa screenshot tal-account taghha ta' TikTok. Tghid ukoll li l-brazuletta mmarkata bhala Dok. MM3 hija rigal minghand l-istess gharus ghaliha. Izzid tghid li gieli kellmet lil -Omissis- tramite il-playstation. Tixhed li l-vuci prezenti fid-dokument immarkat Dok. MM4 huwa taghha u kienet qieghda titkellem mal-gharus taghha.

Ix-xhud rat il-filmat esebit mid-difiza kif ukoll certu ritratti li gew prezentati kumuluttivament fis-seduta datata hamsa u ghoxrin (25) ta' April 2023. Fuq dawn il-provi x-xhud tghid li ma hiex qieghda taghraf il-persuna fir-ritratti, ma hiex qieghda

taghraf il-post fejn gew mehudin ir-ritratti u li ma kinitx hi li tidher fil-filmat. Tghid ukoll li l-playstation m'ghadhiex tuzaha hafna stante li gieli ma tobdix lil missierha u ghalhekk l-istess imputat nehhielha l-istess playstation kif ukoll ic-cellulari. Mistoqsija dwar il-filmat tghid li hi kienet gieli ratu stante li l-imputat kien ikkonfrontaha dwaru. Tghid li shabha wkoll kienu wrewlha l-istess filmat u hi kienet cahdet il-fatt li kienet hi prezenti fil-filmat. Tghid li l-filmat ircevih -Omissis-a u cioè -Omissis- li mbaghad kien urieh lill-imputat. Tghid li ommha wkoll saqsitha dwar il-filmat

Tixhed li hi ma tohrogx wahedha u lanqas mal-gharus taghha -Omissis-. Mistoqsija rigward l-awdjo pprezentat tikkonferma mill-gdid il-vuci taghha u tispjega li dik ir-registrazzjoni saret bhala forma ta' cajta fuq -Omissis- u dan sabiex tara jekk imurx jghid lil genituri. Tghid li rigward l-allegati reati kienet anke tkellmet ma' -Omissis- kif ukoll lil habibtha. Izzid tghid wara domandi ohra li kienet anke tkellmet dwar l-allegati reati mal-gharusa ta' -Omissis- li qaltilha li l-imputat kien qieghed jiccajtha maghha. Mistoqsija dwar il-filmat izzid tghid li hi kienet infurmat lill-Guidance Councillor u cioè certu -Omissis-

dwaru. Tghid li kienet taf li sejra tirrapporta lill-imputat flimkien ma' ommha. Tghid ukoll li missierha ma kienx ser jibqa' d-dar.

Illi xehed <u>**-Omissis-**</u> li huwa hu l-vittma minorenni u t-tifel tal-imputat. Jghid li hu kien ra l-filmat immarkat bhala Dok. MM5. Jixhed li hu ta' spiss jiffrekwenta pompa tal-petrol mal-hbieb tieghu fejn jahslu l-karozzi. Izid jghid li hu kien qieghed juza c-cellulari tieghu meta dahal messagg fejn gie mistoqsi jekk it-tfajla fil-filmat hiex ohtu. Jghid li ma jafx min kienet din il-persuna li baghtet il-messagg. Izid jghid li kull ma jaf hu li din il-persuna kellha isem Gharbija. Jghid li fil-filmat seta' jgharaf lil ohtu kif ukoll il-kamra li tidher fl-istess filmat. Jixhed li l-ewwel kellem lil missieru rigward il-filmat ghall-habta tat-tmienja u nofs ta' billejl. Ikompli jghid li dak il-hin missieru qam jibki u rrabjat u kkonfronta lil -Omissis-. Izid jghid li l-imputat kompla billi hadilha l-playstation. Jghid li matul dan kollu l-vittma minorenni baqghet siekta filwaqt li tibki. Izid jghid li anke l-omm kienet kellmet lit-tifla rigward dan il-filmat.

Ikompli jghid li hu tkellem biex jipprotegi lil -Omissis- u dan minkejja li hi qaltlu "nirrah tmut". Jghid li hu jaf li ohtu ghandha

gharus bl-isem ta’ -Omissis- izda mhuwiex cert dwar kemm ghandu zmien.

Xehdu **Dr Rachel Taylor East** u **Dr Veronica Ellul Federici** li gew mahturin sabiex jezminaw il-minuri -Omissis- u li pprezentaw rapport redatt minnhom immarkat bhala Dok RTE1. Jghidu li huma ltaqghu mal-minuri darba filwaqt li hadu iktar informazzjoni minghand l-omm ghar-rigward l-izvilupp tal-istess minuri. Fir-rapport taghhom jikkonkludu li l-minuri ma tbatix minn xi tip ta’ diffikultajiet li ghandhom x’jaqsmu mas-sahha mentali. Izidu jghidu li minn intervisti li saru kkonkludew li l-minuri tbati minn mild learning disability. Jikkonfermaw li l-iskola qatt ma wettqu educational assessment izda li l-minuri kienet saritilha dijanjozi ta’ dyslexia u li kien ghalhekk li kienet qieghda ssegwi programm specifiku gol-iskola li kienet qieghda tattendi.

Izzid tghid li l-minuri kienet fethet qalbha mal-Guidance Councillor (u cioè certu -Omissis-) tal-istess skola qabel ma sar ir-rapport mal-pulizija. Jghidu li maghhom il-minuri allegat li kien jaqbdilha l-warrani taghha kif ukoll sidirha u sahansitra anke l-koxox. Jghidu wkoll li qaltilhom li dan x’aktarx kien

qieghed isir bhala forma ta' cajta izda hi kienet twegga'. Jghidu li l-minuri wriet li hi thoss in-nuqqas ta' missierha stante li kienu joqoghdu hafna flimkien wara l-iskola izda li kienet tiddejjaq b'dan l-agir tieghu li jiccajta. Jghidu li ma rrizultalhomx li kien hemm xi agir sesswali izda iktar iqisu dan l-agir bhala nuqqas ta' gharfien ta' boundaries personali. Jghidu li ghalhekk huma rrakkomandaw li jsir educational assessment kemm ghall-minuri kif ukoll ghal genituri taghha. Irrakkomandaw ukoll li l-minuri ghandha tattendi ghal appuntamenti psikologici ma' professjonista fil-qasam tas-sahha mentali jew anke mal-Guidance Councillor tal-iskola.

Izidu jghidu li minn dak li raw ma setghux jikkonkludu jekk it-tifla tigdibx jew le izda setghu jaraw dan l-atteggjament minn qari tal-atti. Jghidu li ghar-rigward il-fatt li hareg mill-atti processwali li l-minuri tibghat ir-ritratti taghha gharwiena lil terzi huma rrakkomandaw il-psikoterapija. Jixhdu li jista' jkun li n-nuqqas ta' gharfien tal-boundaries personali min-naha tal-genituri jkun affettwa lill-minuri tant li tkun imfixkla. Jghidu li ghar-rigward il-minuri jista' jkun li l-apparenza fizika avvanzata taghha kkumparat mal-età tenera taghha taf tohloq konfuzjoni interna.

Xehdet <u>**-Omissis-**</u> li tghid li hi tahdem bhala Guidance Teacher gewwa l-iskola fejn tattendi l-minuri -Omissis-. Tghid li di fatti taf lill-vittma stante li gieli kellhom sessjonijiet flimkien. Tghid li l-minuri hija tifla kwieta izda ricentement kienet qieghda turi attitudni differenti mis-soltu. Tispecifika li gieli tghajjar lil shabha u tkellimhom b'mod goff izda mbaghad issostni li kienet qieghda ticcajta. Tghid ukoll li mhux l-ewwel darba li t-tifla taghti darha lill-ghalliema stante li ma tkunx trid tahdem fil-klassi. Tghid li ilha ssegwi lill-minuri mill-bidu tas-sena u li s-sessjonijiet bdew meta l-minuri xtaqet tkellimha dwar affarijiet personali u kienet hemmhekk li l-minuri qaltilha bl-attegjament ta' missierha kif ukoll bl-allegati reati. Tghid li hi hadet parir professjonali mic-Child Protection Unit. Tghid li l-minuri ma elaboratx maghha fuq kemm-il darba gara dan l-agir tal-missier.

Izzid tghid li l-minuri qatt ma kellmitha dwar kwistjonijiet fejn inqabdet tibghat messaggi b'ritratti taghha gharwiena lil terzi. Tixhed li kien hemm darba meta l-minuri nqabdet b'vape l-iskola u li ghall-ewwel innegat il-fatt li xtratu ghall-uzu personali izda wara li kellmet lill-minuri l-istess minuri ammettiet maghha li l-vape kien taghha.

Xehdet **PC2040 Kelsey Bugeja** li tghid li fit-tnejn (2) t'April tas-sena 2023 marret il-minuri -Omissis- flimkien ma' ommha -Omissis- gewwa d-Depot tal-Floriana fejn hi kienet prezenti flimkien mal-Ispettur Joseph Busuttil. Tghid li l-Ispettur kellem lill-vittma minuri fil-prezenza taghha kif ukoll ta' ommha. Tghid li l-minuri rrapportat rigward reati li sehhew fil-konfront ta' missierha u cioè l-imputat. Tixhed li l-minuri qaltilha li hi kienet qieghda thossha skomda stante li l-imputat kien qieghed jghaddi certu kummenti goffi u anke jmissha f'postijiet li ma kinux komdi ghaliha. Tghid li l-minuri qaltilhom li l-imputat kien imissha fuq il-warrani taghha, fuq sidirha, kif ukoll idejha. Izzid tghid li l-minuri kompliet tispjega li dan l-agir kien isir fis-sodda taghha jew inkella fejn il-mejda tal-ikel u li kemm-il darba kien ikollha aptit tibki. Tghid li dan ir-rapport gie dokumentat fuq CD liema CD gie pprezentat u mmarkat bhala Dok. KB1. Tixhed ukoll li matul din l-istqarrija l-omm kienet taghti ftit kuragg lit-tifla biex titkellem stante li t-tifla kienet qieghda tisthi tispjega u tirrapporta dwar l-allegati reati.

Xehdet **-Omissis-** li tghid li fl-ewwel (1) ta' Gunju 2023 ghamlet rikors tramite l-avukati difensuri taghha sabiex terga' tkun tista' tghix mar-ragel taghha. Tghid li l-ghan ahhari hu sabiex tkun

tista' terga' tkompli l-hajja familjari taghha. Tghid li hi u l-imputat huma lesti li jibdew it-terapija flimkien sabiex isewwu r-relazzjoni taghhom. Tghid ukoll li hi konxja tal-fatt li t-tifla u cioè -Omissis- ghandha diversi problemi stante l-fatt li hi u l-imputat naqsu milli jrabbuha b'certu responsabilità. Tghid li hi ma tixtieqx tixhed fil-konfront tal-imputat. Tghid li t-tifla -Omissis- gieli gidbet fuq cucati zghar izda mhux affarijiet serji.

Xehdet <u>Katya Vassallo</u> li pprezenta traskrizzjoni tal-istqarrija tal-imputat kif ukoll dikjarazzjoni tal-minuri -Omissis- mmarkati rispettivament bhala Dok. KV1 u Dok. KV2.

Illi regghet semghet ix-xhieda ta' <u>-Omissis-</u> li ddikjarat li ma tixtieqx tixhed fil-konfront tal-imputat stante li tixtieq tipprova tirranga r-relazzjoni li hemm bejniethom. Tghid li mis-seduta datata ghoxrin (20) ta' Gunju 2023 hi u l-imputat saru jikkomunikaw iktar filwaqt li qeghdin imorru ghand professjonist.

Xehdet <u>Ms. Elaine Schembri Lia</u> li giet mahtura minn din il-Qorti fl-erbgha (4) ta' Lulju tas-sena 2023 sabiex torganizza sessjonijiet ta' terapija ghall-imputat u ghal martu u cioè -

Omissis-. Ipprezentat rapport immarkat bhala Dok. ESL1. Tghid li l-koppja regghu bdew jikkomunikaw sew bejniethom filwaqt li ma kienx ghad fadal glied bejniethom. Tixhed li huma qalulha li -Omissis- kienet qieghda tippjana li tkun iktar prezenti u attiva fid-dar matrimonjali filwaqt li l-imputat ippjana li jkun ta' iktar ghajnuna fid-dar. Tghid li l-imputat ippjana wkoll biex jehles mill-bizghat tieghu ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-lealtà ta' martu. Tghid li kemm l-imputat kif ukoll martu saru iktar rispettuzi lejn xulxin filwaqt li qeghdin jemfasizzaw iktar fuq il-komunikazzjoni ta' bejniethom. Izzid tghid li dan kien jidher b'mod evidenti mit-terapija.

Tixhed li l-imputat u martu attendew zewg (2) sessjonijiet ta' terapija u r-rakkomandazzjoni taghha hi li jahdmu iktar fuq parenting skills specifikament ghar-rigward it-trobbija ta' tfal adoloxxenti. Izzid tghid li rakkomandazzjoni ohra taghha hi li jkomplu jahdmu bhala familja specjalment jekk il-minorenni -Omissis- tixtieq terga' tghix ma' missierha. Tghid li hi ma ltaqghetx mat-tifla u li l-imputat iktar kien qieghed jinnega li kellu atteggjament hazin mal-istess tifla. Izzid tghid li sabiex verament jirriformaw ruhhom u jtejbu r-relazzjoni ta' bejniethom kif ukoll id-dinamika tal-familja taghhom, hemm

bzonn ta' metodu ta' terapija li huwa iktar olistiku u li jinvolvi l-membri kollha tal-familja.

<u>**IKKUNSIDRAT**</u>

Illi huwa oramaj ben risaput illi fi proceduri bhala dawk odjerni trid tingieb dejjem 'il quddiem l-ahjar prova. Infatti fis-sentenza fl-ismijiet <u>**Il-Pulizija vs Emad Masoud**</u> (Qorti tal-Appell Kriminali deciza fis-16 ta' Mejju 2019) gie ritenut is-segwenti:

*"Illi jinkombi fuq il-prosekuzzjoni sabiex tressaq l-ahjar prova u sabiex tipprova l- kaz taghha fuq bazi ta' minghajr dubju dettat mir-raguni. Filwaqt li d-difiza ma ghandha bzonn tipprova xejn.*

*Dwar l-oneru ta' prova, kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Supretendent Ian Joseph Abdilla) (Spettur Kevin Borg) vs. Joseph Baldacchino Farah Kirpalani Philip Micallef (Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar l-24 ta' Mejju, 2017 (Numru 809/2005)*

*ghalkemm dwar mertu u imputazzjonijiet differenti minn dawk in kwistjoni:*

*Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill- Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputati huma veri u dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu Diritto Penale (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):*

> *"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

*Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali li, biex l-imputati jigu ddikjarati hatja, l-imputazzjonijiet dedotti ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni.*

*Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill- Qorti tal- Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet Il- Pulizija vs. Philip Zammit*

*et u tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex persuna akkuzata tigi ddikjarata liberata, hemm bzonn li "dubju jkun dak dettat mir- raguni".*

*Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il- 5 ta' Dicembru 1997 flismijiet Il-Pulizija vs. Peter Ebejer, dik il- Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l- Gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz Miller vs. Minister of Pension - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "proof beyond a reasonable doubt".*

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted*

*fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

Illi dawn il-proceduri huma ghal kwantu sui generis fis-sens illi l-imputat fl-istqarrija tieghu ammetta ghal certu tip ta' atteggjament izda li dan l-atteggjament mhux necessarjament iwassal ghall-akkuzi kollha kif dedotti kontrih b'mod partikolari ghall-ewwel (1) akkuza.

Illi a rigward l-ewwel (1) akkuza, l-Artikolu 207 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jistipula hekk:

*"Kull min jinsab hati ta' att ta' natura sesswali minghajr kunsens li, fih innifsu, ma jkunx jikkostitwixxi wiehed mid-delitti ikkunsmat jew attentat, imsemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-Sub-titolu, jehel il-piena ta' prigunerija minn tliet snin sa seba' snin."*

Illi a rigward l-element formali ta' dan ir-reat hu msejjes fuq il-kliem "minghajr kunsens". Fuq dan il-punt referenza qieghda ssir ghas-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Sebastian Vassallo*** moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) deciza fid-dsatax (19) ta' Ottubru tas-sena 2022:

> *"Issa l-ligi ma taghti ebda definizzjoni ta' liema att jew atti ghandhom jkunu meqjusa li huma ta' natura sesswali. Dan jithalla mill-legislatur f'idejn min hu imsejjah biex jiggudika u dan skont ic-cirkostanzi li fihom jigu kommessi dawn l-atti impudici, purche' l-att materjali ma jkunx wiehed li jikkostitwixxi xi reat ikkontemplat fl-artikoli 198 sa 206 tal-Kodici Kriminali.* ***Li hu zgur huwa li l-intenzjoni tal-awtur tar-reat trid tkun tali illi tfittex il-gratifikazzjoni sesswali tieghu***[1]*, billi jekk l-att isir b'mod accidentali jew inkonxjament allura jitlef in-natura libidinuza tieghu"*

Illi a rigward l-element mentali, mill-qari tal-atti hija l-fehma ta' din il-Qorti li l-imputat ma kellux il-*mens rea* sabiex jikkommetti dak li qieghed jigi allegat mill-Prosekuzzjoni. Huwa

[1] Emfazi tal-Qorti

principju ben stabbilit li sabiex ikun hemm delitt irid ikun hemm prezenti kemm l-*actus reus* kif ukoll il-*mens rea*.

Illi r-regola generali fid-dritt penali hija li *"actus non facit reum, nisi mens sit rea"*. Di fatti **l-Professur Mamo** jghid hekk fin-noti tieghu:

> *"The general conditions of criminal responsibility are indicated with sufficient accuracy in the old legal maxim: "actus non facit reum, nisi mens sit rea". The act alone does not amount to guilt: it must be accompanied by a guilty mind. That is to say, there are two conditions to be fulfilled before criminal responsibility can rightly be imposed, and we may conveniently distinguish these as the material and the formal conditions of liability. The material condition is the doing of some act by the person to be held liable. A man is to be accounted responsible only for what he himself does, not for what other persons do, or for events independent of human activity altogether. The formal condition, on the other hand, is the "mens rea", or guilty mind, with which the act is done."*

Illi fl-ahhar mill-ahhar il-Qorti taghmel taghha dak li kkonkludiet l-espert Ms. Elaine Schembri Lia a fol. 235 tal-atti processwali:

> *"Bla dubju dak li gara u l-konsegwenti proceduri hallew impatt fuq din il-familja u d-dinamici bejn il-membri diversi u ghalhekk, bit-tama li din il-familja tigi mghinuna tirrisolvi dak li nqala' u timxi l-quddiem b'mod pozittiv u b' sahhtu, huwa importanti li l-membri kollha ta' din il-familja jkollhom spazju professjonali fejn flimkien huma jigu mghinuna jesprimu lilhom infushom, jitkellmu flimkien fuq dak li gara u jsibu modi kif jghixu flimkien b'mod iktar armonjuz u dinjituz."*

Illi hija l-umli fehma ta' din il-Qorti li punt li jrid jigi indirizzat mill-familja u partikolarment mill-imputat huwa l-kwistjoni ta' boundaries personali.

**<u>IKKUNSIDRAT</u>**

Illi jinghad li dan il-kaz jistrieh kompletament fuq il-kredibilità tal-minuri -Omissis- kif ikkorroborata mal-provi l-ohra mressqa mill-prosekuzzjoni. Zewg affarijiet li din il-Qorti tikkonsidra meta tkun qed tanalizza tali xhieda ta' minuri huma dawk tal-idonejità taghha bhala xhud u l-veracità tat-testimonjanza taghha.

Illi fl-ewwel lok a rigward l-idonejità tal-minuri bhala xhud, lokalment ghandna gurisprudenza varja li tghallimna dwar dan il-kuncett. Illi fis-sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Giuzeppi Bonnici** datata 28 ta' Marzu 1949, gie stipulat hekk –

> *"Skond il-Ligi Maltija (art. 626 Kap. 12 [illum art. 630 Kap. 9]), hadd ma jista' jigi eskluz milli jaghti x-xhieda tieghu minhabba li ma jkollux xi età partikulari. Izda, tkompli tghid il-Ligi ta' Malta, hemm bzonn li l-Qorti tkun sodisfatta illi x-xhud, ghalkemm mhux ta' l- età, jaf illi hija haga hazina li wiehed jixhed il-falz. Minbarra dan, hu wkoll ligi (art. 625 [illum 629] illi meta l-Qorti, minhabba l-età tax-xhud, ikollha dubju jekk hu jifhemx l- importanza tal-gurament, anki wara*

*t-tifsir tal-Qorti, u jkun jidhrilha mehtieg illi x-xhud, qabel ma jixhed, ghandu jigi nfurmat ahjar dwar il-konsegwenzi ta' xhieda falza, hija tista', jekk fil-fehma taghha x-xhieda ta' dak ix-xhud hija rilevanti, thalli l-kawza ghal gurnata ohra;"*

Illi, ukoll il-kwistjoni tal-età tax-xhud, fuq l-iskorta tat-test tal-ligi u l-gurisprudenza varja, giet indirizzata minn Sir Anthony Mamo fin-*"**Notes on Criminal Procedure**"* b'dan il-mod:

*"The essential condition [dwar il-kompetenza tax-xhud] is that the person shall be of sound mind at the time of being tendered as a witness. If this condition is satisfied, the want of any particular age is not a reason for excluding competence, it being sufficient that the court be satisfied that the witness, though of young age, understands that it is wrong to give false testimony .... **Competency thus depends not on the precise age but upon the actual intelligence of the witness.***

*Our law still makes it essential, however, to the competency of every witness that he should know and accept the obligation of an oath and that he shall in fact be sworn. The principle upon which our law still proceeds is that 'it places no reliance on testimony not given on oath. Consequently no person whatever his age can give testimony upon any trial, civil or criminal, until he has, in the form prescribed by law, given an outward pledge that he considers himself responsible for the truth of what he is about to narrate, and renders himself liable to the temporal penalties of perjury in the event of his wilfully and corruptly giving false evidence' ....*

*If on account of his age or for other reasons it appears doubtful whether a person tendered as a witness understands the obligation of the oath, the court explains this to the witness; and if, notwithstanding such explanation the court shall deem it necessary that the witness, before giving evidence, be further instructed as to the consequence of the false testimony, the court may, if it considers the evidence*

*of such witness to be important for the ends of justice, adjourn the trial to another day and, should the case be before the criminal court, discharge the jury.*

***If the court is not satisfied that the proposed witness can understand the obligation of the oath (nor that he can be instructed as aforesaid) the court is bound to reject that witness as incompetent***[2]*. It cannot hear him without oath (...)"*

Illi ghaldaqstant m'hemmx dubju illi ghalkemm il-minuri -Omissis- kienet ghadha minorenni meta tat ix-xhieda taghha, din il-Qorti, hadet il-prekawzjonijiet kollha rikjesti mil-ligi u cioè li tali xhud tkun taf l-importanza li tghid il-verità shiha, u ghalhekk kienet sodisfatta illi l-istess minuri fehmet li riedet tghid tali verità.

Illi kien ukoll evidenti mix-xhieda taghha li -Omissis- iddejqet mill-agir tal-imputat tant li kienet thossha skomda hafna. Ghalhekk minkejja l-fatt li l-vittma ghazlet li twiegeb b'mod selettiv fil-kontroezami taghha, il-Qorti xorta tqis ix-xhieda

[2] Emfazi tal-Qorti

tal-istess -Omissis- bhala wahda kredibbli stante li wriet konsistenza fit-twegibiet ghad-domandi li jirrelataw mal-allegati reati. Referenza qieghda ssir ghal siltiet mix-xhieda tal-istess -Omissis-:

*"Xhud: Habba l-kaz ta' missieri beda jghajjat wisq mieghi, joqghod jaghmel, joqghod imiss gisimni u patatti.*

*...*

*Xhud: Emm, peress li qed isir jaghmel hekk jigi perezempju ghax inkun jew qeghda perezempju fuq il-mowbajl naha hekk umbaghad jigi minn warajja u jien ma nindunax.*

*Qorti: Jigifieri kien jaqbadt u jghafas il-patata?*

*Xhud: Ehe*

*...*

*Xhud: U kont niddejjaq meta kien jaghmilli hekk ghax jien nghidlu biex jieqaf imma kultant jibqa' sejjer.*

*...*

*Xhud:* *Kien jaqbadli ma' gismi s-soltu jigifieri hawm.*

*Qorti:* *Ma' sidrek?*

*Xhud:* *Ma' sidri.*

*...*

*Xhud:* *Kont qed nurih ghax meta beda jaghmel hekk jiena niddejjaq, qisu kont ha nibki jien qbadt u nghajjat ghedtlu ieqaf ghax jien qed niddejjaq u taf kif qeghda bhalissa, qed niddejjaq. U kemm il-darba ghedtlu biex jieqaf imma ma, jibqa' jkompliha kien imma u jigri fil-kamra jew fil-kcina jew meta peress li mmur naqra lejh hekk noqghod naqra mieghu fuq is-sodda hekk naraw film xorta jaghmilha. Umbaghad jiena meta jaghmilha naqbadtlu jdejh u nnehhihom u nitlaq."*

Illi maghdud max-xhieda tal-vittma minuri, din il-Qorti ghandha f'idejha l-istqarrija tal-imputat liema stqarrija giet traskritta minn Dr Katya Vassallo u esebita a fol. 187 et sequitur tal-atti processwali. Il-Qorti tinnota li l-imputat di fatti ammetta

ghar-reati li bihom huwa akkuzat. Referenza qieghda ssir a fol. 188 et sequitur:

| | |
|---|---|
| *"Akkuzat:* | *Din ta' sormha taf x'naghmlilha jiena? Tista' tigi l-mara u tghidlek hi stess. U nannitha. Nghidilha kemm ghandek sormok daqs tan-nanna. Dik biss il-bqija xejn hux.* |
| *Spettur Joseph Busuttil:* | *Gieli faqqajthielha fuq sormha?* |
| *Akkuzat:* | *Niccajtaw iva. Imma mhux biex insawwatha.* |
| *…* | |
| *Spettur Joseph Busuttil:* | *Le le fuq dik fthemna. Issa ghar-rigward ta' sidirha hi qed tghid li dawn l-affarijiet idejquha li inti jew tigi minn warajha u tmissilha sidirha jew taghmlilha hekk biex* |

*tolqtilha sidirha, u dawn l-affarijiet.*

*Akkuzat:* *Bhal ma ghidtlek b'idejja b'hawn mhux b'hawn le. Niccajtaw b'hawn."*

Illi ghalhekk fl-istqarrija tieghu datata tlieta (3) ta' April tas-sena 2023, l-imputat jammetti li kien ta fastidju ta' natura sesswali lil bintu -Omissis-. Illi jirrizulta wkoll illi din l-istqarrija ttiehdet minghajr minacci jew theddid u wara li nghata d-dritt li jikkonsulta ma' avukat ta' fiducja tieghu, huwa rrinunzja ghal tali dritt.

Illi dejjem gie ritenut mill-Qrati taghna illi l-istqarrija hija kkunsidrata bhala prova regina, jekk mehuda kif suppost fosthom fil-kawza **Charles Steven Muscat vs Avukat Generali** (dec 11/4/2011 u 12/4/2011) fejn il-Qorti tal-Appell iddecidiet is-segwenti:

*"Din il-Qorti mhijiex ser tiddeciedi l-kwistjoni mill-aspett kostituzzjonali izda sejra taghmel is-segwenti osservazzjonijiet. Fil-kaz in ezami, l-appellata kienet*

*mgharrfa bil-jedd taghha li tibqa' siekta u ma twegibx ghall-mistoqsijiet li jsirulha mill-ufficjal investigatur. Ma jirrizultax li kellha esperjenzi ohrajn ta' interrogazzjonijiet mill-Pulizija qabel dan, izda l-ghazla li twiegeb jew ma twegibx setghet taghmilha bla konsegwenzi ta' xejn u ghalhekk tali ghazla ghamlitha b'liberta' shiha. ... Gialdarba d-difiza ma kenitx qed tikkontesta l-volontarjeta ta'l-istqarrija, huwa kontrosens illi tippretendi illi l-istqarrija tigi skartata fuq il-bazi unika li l-appellata ma kellhiex assistenza legali. L-istqarrija jew saret b'mod volontarju jew le. U hawn tali volontarjeta ma gietx messa in diskussjoni. Konsegwentement in vista tal-fatt li ma hemm l-ebda kontestazzjoni dwar il-volontarjeta ta'listqarrija ta'l- appellata, f'dan il-kaz tali stqarrija hi prova valida u ammissibbli."*

Illi di piu', din il-Qorti thoss li ghandha tidhol fil-kwistjoni; ghalkemm qatt ma giet sollevata mid-difiza; li l-istqarrija tal-imputat (ghalkemm ittiehdet b'mod volontarju u minghajr minacci u bil-kawteli kollha vigenti dak iz-zmien); tal-ammissibilità tal-istqarrija u dan minhabba zviluppi li saru wara

fejn is-suspettat ghandu dritt li jkollu avukat prezenti anke mill-bidu tal-investigazzjoni.

Illi jirrizulta li f'dan il-kaz l-imputat odjern inghata d-dritt li jikkonsulta ma' avukat ta' fiducja tieghu izda li hu rrinunzja ghal tali dritt (fol. 10 tal-atti processwali).

Illi l-Qrati taghna kif ukoll dawk tal-Unjoni Ewropea mhux dejjem kienu konkordanti fuq dan il-punt. Waqt li kollha jaqblu illi stqarrija minghajr l-ebda wahda mill-kawteli prezenti tirrizulta ghall-inammissibilità tal-istqarrija mhux tal-istess parir meta d-dritt tal-avukat inghata izda mhux tal-prezenza tal-avukat waqt l-istqarrija.

Illi f'dan ir-rigward issir riferenza ghall-insenjament tal-Grand Chamber tal-Qorti Ewropea f'**Beuze vs. Belgium** (dec 9/11/2018 - 71409/10) fejn tenniet is-segwenti:

> *"In the light of the nature of the privilege against self-incrimination and the right to remain silent, the Court considers that in principle there can be no justification for a failure to notify a suspect of these rights. Where*

*a suspect has not, however, been so notified, the Court must examine whether, notwithstanding this failure, the proceedings as a whole were fair. Immediate access to a lawyer able to provide information about procedural rights is likely to prevent unfairness arising from the absence of any official notification of these rights. However, where access to a lawyer is delayed, the need for the investigative authorities to notify the suspect of his right to a lawyer, his right to remain silent and the privilege against self-incrimination takes on particular importance (see Ibrahim and Others, cited above, § 273, and case-law cited therein).'"*

Illi f'dan il-kuntest referenza ssir ukoll ghal kaz iehor bl-ismijiet **Farrugia vs. Malta** (dec 4/6/2019 - 63041/13) fejn il-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem segwiet l-insenjament tal-Grand Chamber f'Beuze. Fil-kaz **Farrugia v. Malta**, il-Qorti Ewropea kellha l-opportunità li tezamina s-sistema Maltija fejn sabet li s-sistema nostrana tissodisfa t-test tal-overall fairness.

Ghalhekk, l-enfasi tal-Qorti Ewropea hija diretta lejn l-overall fairness of the proceedings u din giet imfissra illi:

> *"'While very strict scrutiny must be applied where there are no compelling reasons to justify the restriction on the right of access to a lawyer, the Court, in the specific circumstances of the case, finds that having taken into account the combination of the various above-mentioned factors, despite the lack of procedural safeguards relevant to the instant case, the overall fairness of the criminal proceedings was not irretrievably prejudiced by the restriction on access to a lawyer.'"*

Decizjoni tal-Qorti Ewropea aktar ricenti minn ta' Farrugia u li ghal darb'ohra tanalizza s-sistema li kienet vigenti qabel dahal id-dritt ta' assistenza legali fil-kuntest ta' interrogazzjoni fil-ligi nostrana hija dik bl-ismijiet **Mark Charles Kenneth Stephens vs. Malta** (dec 14/1/ 2020). F'din l-ahhar sentenza gie ritenut hekk:

*"'However the Court notes that the non-observance of one of the minimum rights guaranteed by Article 6 § 3 will not lead to an automatic violation of that provision (see, for example and by implication, Ibrahim and Others v. the United Kingdom [GC], nos. 50541/08 and 3 others, 13 September 2016, and Schatschaschwili v. Germany [GC], no. 9154/10, ECHR 2015). The fairness of a criminal trial must be guaranteed in all circumstances. However, what constitutes a fair trial cannot be the subject of a single unvarying rule but must depend on the circumstances of the particular case. The Court' s primary concern, in examining a complaint under Article 6 § 1, is to evaluate the overall fairness of the criminal proceedings (see, among many other authorities, Beuze v. Belgium, [GC], no. 71409/10, §§ 120, 9 November 2018 and the case-law cited therein.*

*...*

*Particularly relevant to the present case, the Court observes that in the recent Beuze judgment, the Grand Chamber departed from the approach taken in*

*previous cases that systematic restrictions on the right of access to a lawyer led, ab initio, to a violation of the Convention (see, in particular, Dayanan v. Turkey, no. 7377/03, § 33, 13 October 2009, Boz v. Turkey, no. 2039/04, § 35, 9 February 2010, and Borg, cited above, § 62). In Beuze, the Grand Chamber gave prominence to the examination of the overall fairness approach and confirmed the applicability of a two stage test, namely whether there are compelling reasons to justify the restriction as well as the examination of the overall fairness and provided further clarification as to each of those stages and the relationship between them.'"*

Illi ghalhekk jidher car illi f'dan il-kaz, jekk wiehed kellu jhares lejn il-fedina penali tal-imputat, johrog bic-car li hu kien ben midhla tas-sitema gudizzjarja u investigattiva.

Illi di piu' hu kien inghata d-dritt li jikkonsulta ma' avukat ta' fiducja tieghu izda hu rrifjuta dan id-dritt. Irrizulta wkoll illi l-imputat fl-istadju tal-istqarrija ammetta li kien ta' fastidju ta'

natura sesswali lill-vittma minuri. Illi l-imputat nghata kull opportunità li jressaq id-difiza tieghu bl-akbar mod possibbli. Illi ghalhekk din il-Qorti thoss li l-overall fairness rikjest mis-sentenzi citati hawn fuq gie rispettat fit-totalità tieghu. Ghalhekk tqis li l-istqarrija moghtija f'din l-investigazzjoni ghandha tkun ammissibbli bhala prova.

Illi tenut kont ta' dan kollu, din il-Qorti m'ghandhiex ghazla ghajr li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih.

## IKKUNSIDRAT

Illi ghar-rigward tal-piena l-Qorti sejra tqis il-kaz kollu b'dana li l-ghan ahhari ghandu jkun li l-gustizzja ghandha ssir tali mod li tista' tipprotegi d-dinamika ta' din il-familja li ghaddiet minn trawma.

Illi qabel xejn referenza qieghda ssir ghax-xhieda moghtija minn -Omissis- a fol. 205 tal-atti processwali fejn bil-gurament taghha hi ghazlet li ma tixhidx fil-konfront tal-imputat filwaqt li wriet ix-xewqa li tahfirlu u dan sabiex tkun tista' terga' ssewwi r-relazzjoni taghhom.

Illi maghdud ma' dan il-Qorti qieghda tqis ix-xhieda ta' Ms. Elaine Schembri Lia bhala wahda krucjali. L-istess xhud esebiet rapport immarkat bhala Dok. ESL1 fejn gie konkluz dan li gej:

*"Wara revizjoni tal-Atti, u anke in vista tal-allegazzjonijiet u l-konkluzjonijiet tal-proceduri sa issa, kif ukoll it-turbolenzi li tipikament jinqalghu bejn il-koppji meta huma jkunu qed irabbu adoloxxenti, huwa rekommandat li fil-futur -Omissis- u -Omissis- jattendu sessjonijiet ta' parenting skills immirati ghall-koppji li qed irabbu adoloxxenti sabiex ikunu iktar ippreparati kif ghandhom jimxu ma' wliedhom specjalment waqt diffikultajiet. Huwa wkoll rekomandat li -Omissis- u -Omissis- jattendu sessjonijiet ta' terapija ghall-familja ma' binhom -Omissis- u binthom -Omissis-. Bla dubju dak li gara u l-konsegwenti proceduri hallew impatt fuq din il-familja u d-dinamici bejn il-membri diversi u ghalhekk, bit-tama li din il-familja tigi mghinuna tirrisolvi dak li nqala' u timxi l-quddiem b'mod pozittiv u b'sahhtu, huwa importanti li l-membri kollha ta' din il-familja jkollhom spazju professjonali fejn flimkien*

*huma jigu mghinuna jesprimu lilhom infushom, jitkellmu flimkien fuq dak li gara u jsibu modi kif jghixu flimkien b'mod iktar armonjuz u dinjituz."*

Illi filwaqt li din il-Qorti tapprezza l-fatt li l-imputat flimkien ma' martu bdew it-triq taghhom ghar-riforma u ghal fejqan tar-relazzjoni taghhom, huwa car daqs il-kristall anke mill-konkluzjoni ta' Ms. Elaine Schembri Lia li ghad fadal hafna iktar xoghol xi jsir sabiex il-familja **kollha**[3] terga' tigi msahha.

Illi intant referenza qieghda ssir ghax-xhieda tal-istess Dr Elaine Schembri Lia fejn hi tghid hekk:

*"Dr. Elaine Schembri Lia: Huwa minn naha tieghu qisu meta tkellem mieghi iktar innega li gara dak li gara emm jigifieri qisu ftit kellna c-cans li nahdmu fuqha speci ma dahalx daqshekk.*

*...*

[3] Emfazi ta' din il-Qorti

| | |
|---|---|
| *Dr. Elaine Schembri Lia:* | *Qisu kif spjegajt fir-rapport nemmen li ghandu jkunu two-fold. Minn banda li jridu jigu mghallma certu parenting skills* |

*...*

| | |
|---|---|
| *Dr. Elaine Schembri Lia:* | *u minn banda qisu terapija tal-familja.* |

*...*

| | |
|---|---|
| *Dr. Elaine Schembri Lia:* | *imma anke l-impatt issa ta' dawn e li l-missier tressaq u qieghed quddiem il-Qorti u li t-tifla qieghda 'l boghod mill-familja u li kulhadd baqa' ghaddej bil-hajja tieghu in between jigifieri anke kif din il-familja ha tithallat flimkien, m'hijiex xi haga li nara li tista' tigri f' numru zghir ta' sessions.* |

| | |
|---|---|
| | *It-tifla jrid li xi hadd li jigimha u li jibbekja.* |
| *Magistrat:* | *Le, le nifhmek.* |
| *Dr. Elaine Schembri Lia:* | *Hija xi haga li nara li qieghda, hija iktar fit-tul u tirrikjedi approach iktar dettaljat. Jista' isir fil-privat nerga' nghid imma zgur li jirrikjedi aktar sapport ghax irid isir xoghol mal-minuri, irid isir xoghol mal-missier, xoghol mal-omm potenzjalment."* |

Illi ghalhekk din il-Qorti ssostni u kwazi dejjem addottat it-teorija li l-gustizzja fil-kamp kriminali ghandha tkun wahda riformattiva ghall-akkuzat. Din it-teorija giet anke ppronunzjata fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Francis Bonnici** deciza fil-25 ta' Marzu tas-sena 1975:

*"Din il-Qorti, minghajr bl-ebda mod ma tinsa l-htigijiet tar-ripressjoni tad-delinkwenza u tad-dixxiplina, temmen fil-probation u hi tal-fehma li f' Malta, bhal pajjizi ohra, hemm bzonn ta' izjed u mhux inqas probation u tawspika ... li dan is-servizz pregjevoli ... jigi amplifikat b' gusta mizura specjalment ghal dawk iz-zghazagh li ma kellhomx il-vantaggi li l-ohrajn kellhom fil-hajja."*

Illi l-istess inghad fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti kif diversement presjeduta fl-ismijiet **Il-Pulizija vs George Zammit** deciza fl-4 ta' Frar tas-sena 1985:

*"Kif inhu ben risaput, ghalkemm is-socjeta` tirrikjedi xi tip ta' sodisfazzjon tar-reat li jkun wettaq l-individwu, bniedem li jkun qatta' perjodu sostanzjali ta' inkarcerazzjoni mhux lakemm titfghu lura fis-socjeta` biex ifendi ghal rasu: jinhtiglu diversi mezzi ta' ghajnuna, u mhux lanqas "guidance", sabiex tigi facilitate r-reintegrazzjoni tieghu fis-socjeta` u tigi assigurata r-riabilitazzjoni tieghu; ghalhekk l-*

*importanza ta' sistema organizzat u koordinat ta' "after care"."*

Illi hija l-fehma ta' din il-Qorti li s-sitwazzjoni li fiha qieghed l-imputat hija wahda partikolari stante li huwa missier il-vittma filwaqt li flimkien ma' martu, li hegget lill-istess vittma biex tressaq rapport kontriha, ikkommetta ruhu sabiex jirriforma ruhu u jsahhah mill-gdid ir-relazzjoni bejnu u bejn martu. Ghalhekk tenut kont ta' dak li ntqal mix-xhieda ta' Ms. Elaine Schembri Lia maghdud mal-elementi msemmija hija l-opinjoni ta' din il-Qorti li piena karcerarja fl-ahhar mill-ahhar mhiex ser taghmel gid lill-vittma -Omissis- milli terga' tikseb hajja familjari li hija wahda stabbli u normali. Illi ghalhekk dan ser ikun rifless fil-piena.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-Artikoli 17, 31 u 251A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qieghda ssib lill-akkuzat -**Omissis-** hati biss tat-tieni (2) akkuza kif dedotta kontrih tpoggih taht Ordni ta' Probation u dan kif dettat mill-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghal tliet (3) snin u filwaqt

li tilliberah mill-ewwel (1) akkuza fuq nuqqas ta' provi u kif ukoll liema ordni ghandha tifforma parti integrali ma' din is-sentenza.

Finalment il-Qorti spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

In oltre', bl-applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna lill-imputat **-Omissis-** jhallas l-ammont ta' seba' mija u sittax-il ewro u hamsa u erbghin centezmu (€716.45) rapprezentanti spejjez peritali naxxenti minn din il-kawza.

In oltre' l-Qorti qieghda tirrevoka *contrario imperio* l-Ordni ta' Protezzjoni datat hamsa u ghoxrin (25) ta' April 2023.

----------------------------------------

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**